**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2355**

**tat-12 ta' Diċembru 2016**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' arbitri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim, lista ta' mill-anqas 15-il individwu sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

(3) Abbozz ta' lista ta' individwi li ser iservu ta' arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim ġie diskuss bejn il-Partijiet. F'konformità mal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, dak l-abbozz ta' lista jipprovdi għal ħames arbitri kandidati proposti mill-Unjoni, ħames arbitri kandidati proposti mir-Repubblika tal-Moldova u ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala presidenti ta' bord tal-arbitraġġ.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' individwi sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Korrezzjonijiet tekniċi żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MATEČNÁ

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru …/2016 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

**ta' …**

**dwar l-istabbiliment tal-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 404(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 404(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Skont l-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi, mhux anqas minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, lista ta' mill-anqas 15-il individwu sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' individwi biex jservu ta' arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għall-finijiet tal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, hija stabbilita kif tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*

*Il-President*

---

[1] ĠU UE L 260, 30.8.2014, p. 4.

*ANNESS*

IL-LISTA TA' ARBITRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 404(1) TAL-FTEHIM

L-arbitri proposti mir-Repubblika tal-Moldova

1. Mihail BURUIANĂ
2. Procop BURUIANĂ
3. Octavian CAZAC
4. Lilia GRIBINCEA
5. Viorel RUSU

L-arbitri proposti mill-Unjoni Ewropea

1. Jacques BOURGEOIS
2. Claus–Dieter EHLERMANN
3. Pieter Jan KUIJPER
4. Giorgio SACERDOTI
5. Ramon TORRENT

Il-Presidenti

1. Leora BLUMBERG (L-Afrika t'Isfel)
2. William DAVEY (L-Istati Uniti)
3. Merit JANOW (L-Istati Uniti)
4. Helge SELAND (In-Norveġja)
5. David UNTERHALTER (L-Afrika t'Isfel)